**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 281/11VG**

**Untours Insurance Agents Ltd. hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Anthony sive Tonio Schembri u l-istess assigurat tagħha Anthony sive Tonio Schembri**

**Vs**

**Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u b'Digriet ta' l-20 ta' April 2012 ġie kjamat in kawża l-Kunsill Lokali Naxxar**

**Illum 28 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Untours Insurance Agents Ltd., hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Anthony sive Tonio Schembri, u l-istess assigurat tagħha Anthony sive Tonio Schembri fit-28 ta' Awwissu 2011, permezz ta' liema jitolbu li l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' sitt elef u ħames mitt Euro (€6,500), rappreżentanti danni kkawżati minn inċident li seħħ fid-19 ta' Ottubru 2010 fi Triq is-Salina ġewwa n-Naxxar fuq il-vettura ta' Anthony sive Tonio Schembri bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBP-347 li waqgħet fi sprall maqlugħ di proprjetà tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, u liema danni jirrappreżentaw il-valur tal-vettura fiż-żmien ta' l-inċident u minn liema somma ġie imnaqqas il-valur tar-*wreck* li nżamm mill-assigurat Anthony sive Tonio Schembri, liema inċident seħħ unikament minħabba tort, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' manutenzjoni fit-triq u spralli imsemmija da parte tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta' l-inċident sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 24 ta' Jannar 2011, kontra il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma;

Rat l-ittra uffiċjali datata 24 ta' Jannar 2011 annessa mar-Rikors promotur a fol. 2 tal-proċess;

Rat ir-Risposta tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma permezz ta' liema topponi għat-talba attriċi in bażi għas-segwenti eċċezzjonijiet: (i) in linea preliminari hija ma hijiex il-leġittimu kontradittur ta' l-atturi stante li l-isprall li allegatament

ikkawża d-danni sofferti minnhom ma huwiex proprjetà tagħha u l-manutensjoni ta' l-istess ma taqax fil-mansjoni tagħha; (ii) fil-mertu, it-talba ta' l-atturi għandha tiġi respinta fil-fatt u fid-dritt stante li kwalsiasi danni allegatament sofferti minnhom ma humiex tort u/jew negliġenza tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u fi kwalunkwe każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 tal-Kap.355 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) il-Korporazzjoni mxiet korrettament u ai termini tal-Liġi u kemm-il darba l-atturi sofrew xi danni, dan ma kienx bi ħtija tagħha; u (iv) il-quantum tad-danni allegatament sofferti mill-atturi jeħtieġ li jiġi ppruvat;

Rat li b'Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2012 l-atturi talbu l-kjamata in kawża tal-Kunsill Lokali Naxxar, liema talba ġiet milqugħa b'Digriet mogħti fl-20 ta' April 2012[1];

Rat ir-Risposta tal-Kunsill Lokali Naxxar permezz ta' liema jopponi għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) il-Kunsill Lokali Naxxar ma jirrispondix għad-danni pretiżi mis-soċjetà attrici stante li: (a) l-isprall in kwistjoni mhuwiex proprjetà tal-Kunsill Lokali Naxxar; u (b) il-manteniment tat-triq fejn seħħ l-inċident in kwistjoni mhijiex responsabilità tal-Kunsill Lokali Naxxar; u (ii) it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Semgħet ix-xhieda mogħtija mill-Perit Carmel Borg waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012[2], ix-xhieda ta' Paul Gatt, in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Naxxar, mogħtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Frar 2012[3] u tas-17 ta' Novembru 2014[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "PG1" u Dok. "PG2" a fol. 109 sa' 117 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Mario Mifsud in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu a fol. 53 sa' 62 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-attur Anthony sive Tonio Schembri[6] u ta' Tonio Mizzi[7] mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2013 u x-xhieda tal-P.L. Jolene Pace Ciscaldi in rappreżentanza ta' l-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2013[8] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "MTA" a fol. 83 sa' 85 tal-proċess, rat id-dokumenti esebiti mill-atturi permezz ta' Nota ppreżentata fid-19 ta' Novembru 2013 a fol. 90 sa' 92 tal-proċess u rat is-sentenza fl-ismijiet "GasanMamo Insurance Limited et v. Kunsill Lokali Naxxar et" Rik. Nru. 249/12 deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Ġunju 2014 esebita mill-Kunsill Lokali Naxxar permezz ta' Nota ppreżentata fit-22 ta' Lulju 2014 a fol. 99 sa' 108 tal-proċess;

Rat li l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' Ilma baqgħet ma ppreżentatx provi u l-istadju tal-provi tagħha ġie dikjarat magħluq b'Digriet mogħti fis-16 ta' Ottubru 2014[9];

---

[1] Fol. 36 tal-proċess.
[2] Fol. 16 u 17 tal-proċess.
[3] Fol. 44 u 45 tal-proċess.
[4] Fol. 118 sa' 121 tal-proċess.
[5] Fol. 63 sa' 65 tal-proċess.
[6] Fol. 67 sa' 70 tal-proċess.
[7] Fol. 71 sa' 73 tal-proċess.
[8] Fol. 86 sa' 88 tal-proċess.
[9] Fol. 107 tal-proċess.

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensur ta' l-atturi u tad-difensur tal-Kunsill Lokali Naxxar;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà attriċi, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Anthony sive Tonio Schembri, u l-istess Anthony sive Tonio Schembri jitolbu li l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' €6,500 rappreżentanti danni kkawżati minn inċident li seħħ fid-19 ta' Ottubru 2010 fi Triq is-Salina ġewwa n-Naxxar fuq il-vettura ta' Anthony sive Tonio Schembri bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBP-347 li waqgħet fi sprall maqlugħ di proprjetà tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, u liema danni jirrappreżentaw il-valur tal-vettura fiż-żmien ta' l-inċident u minn liema somma ġie imnaqqas il-valur tar-*wreck* li nżamm mill-assigurat Anthony sive Tonio Schembri, liema inċident seħħ unikament minħabba tort, negliġenza, imperizja u nuqqas ta' manutenzjoni fit-triq u spralli imsemmija da parte tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma.

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma laqgħet għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) in linea preliminari hija ma hijiex il-leġittimu kontradittur ta' l-atturi stante li l-isprall li allegatament ikkawża d-danni sofferti minnhom ma huwiex proprjetà tagħha u l-manutensjoni ta' l-istess ma taqax fil-mansjoni tagħha; (ii) fil-mertu, it-talba ta' l-atturi għandha tiġi respinta fil-fatt u fid-dritt stante li kwalsiasi danni allegatament sofferti minnhom ma humiex tort u/jew negliġenza tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u fi kwalunkwe każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 21 tal-Kap.355 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) il-Korporazzjoni imxiet korrettament u ai termini tal-Liġi u kemm-il darba l-atturi sofrew xi danni, dan ma kienx bi ħtija tagħha; u (iv) il-quantum tad-danni allegatament sofferti mill-atturi jeħtieġ li jiġi ppruvat.

Fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma w anke fid-dawl tax-xhieda ta' Paul Gatt, li fiż-żmien meta xehed kien ikopri l-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Kunsill Lokali Naxxar, mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2012[10] fejn in risposta għall-mistoqsija jekk Triq is-Salina, Naxxar, taqax taħt il-kompetenza tal-Kunsill Lokali Naxxar, iddikjara: *fil-preżent qegħdin nikkontestaw il-fatt li t-triq taqa' taħt ir-responsabiltà tagħna. Minn mindu kienu saru x-xogħlijiet fi triq, dejjem kienu għamlu kull tip ta' maintenance Transport Malta. Il-Kunsill tan-Naxxar qatt m'għamel l-ebda spejjeż minn meta sar ix-xogħol lil hawn u qegħdin ukoll nikkontestaw li t-triq mhux fir-responsabiltà tagħna qabel ma jirranġaw il-problemi kollha li fiha,* u in risposta għall-mistoqsija ulterjuri: *jiġifieri normalment li kieku m'hemmx din il-kontestazzjoni taħt min taqa'?* iddikjara: *skond il-liġi t-triq mhix arterja jew distributorja allura awtomatikament taqa' f'idejn il-Kunsill. Però kif ġià għedt kienu saru x-xogħlijiet*

[10] Fol. 44 u 45 tal-proċess.

*u qatt ma ngħatajna uffiċjalment hand over ta' triq u għandna xi issues bi problemi qed nikkontestawhom fil-fatt*, l-atturi, permezz ta' Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2012, talbu l-kjamata in kawża tal-Kunsill Lokali Naxxar. Din it-talba ġiet milqugħa b'Digriet mogħti fl-20 ta' April 2012[11].

Min-naħa tiegħu l-Kunsill Lokali Naxxar laqa' għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) il-Kunsill Lokali Naxxar ma jirrispondix għad-danni pretiżi mis-soċjetà attrici stante li: (a) l-isprall in kwistjoni mhuwiex proprjetà tal-Kunsill Lokali Naxxar; u (b) il-manteniment tat-triq fejn seħħ l-inċident in kwistjoni mhijiex responsabilità tal-Kunsill Lokali Naxxar; u (ii) it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-provi prodotti mill-atturi jirriżulta li fid-19 ta' Ottubru 2010 l-attur Anthony sive Tonio Schembri, assigurat mas-soċjetà attriċi, kien ġej bil-vettura tiegħu ta' l-għamla Toyota Fun Cargo bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBP-347 mid-direzzjoni ta' Baħar iċ-Ċagħaq u ried jitla' għat-Telgħa ta' Alla w Ommu. Dakinhar kien ħafna maltemp u fil-ħin li Anthony sive Tonio Schembri kien għaddej bil-vettura tiegħu kien id-dlam u kienet qed tagħmel ix-xita u fit-toroq kien hemm ħafna ilma. Kif wasal is-Salina huwa dar lejn Triq is-Salina, Naxxar, biex eventwalment jasal għat-Telgħa ta' Alla w Ommu. Fi Triq is-Salina kien nieżel ħafna ilma li kien għoli kemm kemm inqas minn nofs l-għoli tal-bankina. Hekk kif dar minn Triq is-Salini, Salina, għal Triq is-Salina, Naxxar, Anthony sive Tonio Schembri ħassa daqqa minn taħt tal-karozza u kif niżel mill-karozza biex jara x'ġara ra ħafna żejt u sab li għatu ta' sprall, li kien inqala' bl-ilma, laqgħat il-vettura minn taħt, preċiżament fil-magna tal-vettura minn taħt, bil-konsegwenza li l-vettura ġarbet ħsarat estensivi tant illi ma setgħatx tinstaq u biex titneħħa mill-post ta' l-inċident kellha tiġi *towed*[12]. Irriżulta wkoll illi minħabba l-ħsarat estensivi li ġarrbet il-vettura in kwistjoni, l-istess ġiet *written off* bħala *total loss*[13].

Id-dinamika ta' l-inċident in kwistjoni ma ġietx kontestata u/jew kontradetta la mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, li in verità lanqas resqet provi f'dawn il-proċeduri, u lanqas mill-Kunsill Lokali Naxxar, li invece kkonċentraw il-kontestazzjoni tagħhom prinċipalment fuq il-kwistjoni ta' responsabilità nascenti tali kontestazzjoni minn min skonthom kien responsabbli mill-manutenzjoni ta' Triq is-Salina, Naxxar.

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma teċċepixxi, in linea preliminari, li hija ma hijiex il-leġittimu kontradittur ta' l-atturi stante li l-isprall li allegatament ikkawża l-ħsarat fil-vettura ta' Anthony sive Tonio Schembri, u per konsegwenza d-danni sofferti mill-atturi, ma huwiex proprjetà tagħha u l-manutenzjoni ta' l-istess ma taqax fil-mansjoni tagħha. Il-Qorti hija propensa li taqbel ma din l-eċċezzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma stante li l-manutenzjoni tat-toroq u anke ta' l-ispralli f'tali toroq ma taqax entro l-parametri tal-funzjonijiet tagħha kif stipulati fl-Artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, Kap.355 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-manutenzjoni tat-toroq u anke, fost affarijiet oħra, ta' l-ispralli

---

11 Fol. 36 tal-proċess.
12 Vide xhieda ta' Anthony sive Tonio Schembri mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2013, fol. 67 sa' 70 tal-proċess.
13 Vide xhieda ta' Tonio Mizzi mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2013, fol. 71 sa' 73 u d-dokumenti a fol. 53 sa' 66 tal-proċess.

fit-toroq hija responsabilità ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew tal-Kunsilli Lokali, skond kif it-triq in kwistjoni tkun ikklassifikata.

A tenur tar-Regolament 3 ta' l-Avviż Legali 29 ta' l-2010 - ir-Regolamenti li kienu in vigore fiż-żmien meta seħħ l-inċident in kwistjoni u b'hekk li japplikaw għall-każ in eżami - l-Awtorità għat-Trasport f'Malta *għandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impriża, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għall-kostruzzjoni mill-ġdid, twessiegħ, tiġdid, manteniment, titjib, immaniġġjar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq: Iżda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni tagħha għandu jipprovdi għalihom il-Kunsill Lokali adatt skond l-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali.* A tenur tar-Regolament 2 manutenzjoni ta' rutina ta' triq tikkonsisti: *f'azzjonijiet li jittieħdu fuq bażi regolari biex triq, triq abitata jew pont jinżammu fi stat sigur u tajjeb għall-użu, azzjonijiet li jittieħdu biex fejn possibbli triq ma titħalliex tiddeterjora, u azzjonijiet li jittieħdu biex il-wiċċ ta' triq u l-ġnub tagħha jinġiebu lura fi stat tajjeb; hi tinkludi, izda mhijiex limitata ghal, mili ta' hofor, l-għeluq u l-mili ta' xquq, it-tindif ta' toroq abitati, katusi u kanali għall-ilma; l-istallar ta' sinjali u sinjalaġġ tat-traffiku; tibdil ta' sinjali u marki fit-toroq li jkunu tħassru, kontroll ta' ħxejjex u veġetazzjoni fil-ġenb tat-triq; tindif tal-ġnub ta' triq; tiswija ta' bankini.*

L-Artikolu 33(1) ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kap.363 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri - ossia fl-2010 - kien jipprovdi li: *bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-disposiżizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu: (a) li jipprovdi, biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew mogħdija, li ma tkunx proprjetà privata: Iżda l-mantenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-riskotruzzjoni tagħha.* Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi kien, fiż-żmien rilevanti għal dawn il-proċeduri, jipprovdi li: *toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura, monumenti nazzjonali, parks jew ġonna nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji oħra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oġġetti oħra imniżżla fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att huma responsabbiltà tal-Gvern u, ħlief kif provdut skont is-subartikolu (1)(w) jew (x), huma għal kollox esklużi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali.*

Minn dan jidher għalhekk li kif ġustament eċċepit mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, l-istess Korporazzjoni ma hijiex responsabbli għall-manutenzjoni tat-toroq, inkluż l-ispralli fit-toroq u b'hekk ma hijiex il-leġittimu kontradittur ta' l-atturi. Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma jistħoqq li tiġi milqugħa u l-istess imsemmija Korporazzjoni għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

In vista ta' tali konkluzzjoni fir-rigward tal-posizzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma f'dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis li ma hemmx il-ħtieġa li l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-istess Korporazzjoni jiġu trattati u determinati u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom.

Eskluża r-responsabilità tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma vis-a-vis il-pretensjonijiet u konsegwenti talba attriċi, jeħtieġ issa li l-Qorti tiddetermina jekk il-Kunsill Lokali Naxxar għandux jitqies u b'hekk jinżamm responsabbli għall-ħsarat kawżati fil-vettura ta' l-attur Anthony sive Tonio Schembri bin-Numru tar-Reġistrazzjoni DBP-347 dakinhar tad-19 ta' Ottubru 2010 u konsegwentement għad-danni sofferti mill-atturi.

Kif ġià iktar 'l fuq osservat, il-Kunsill Lokali Naxxar jikkontendi li huwa ma għandux jitqies u b'hekk jinżamm responsabbli versu l-atturi stante li l-isprall in kwistjoni mhuwiex proprjetà tal-Kunsill u l-mantutenzjoni tat-triq fejn seħħ l-inċident in kwistjoni, ossia Triq is-Salina, ma hijiex responsabilità tal-Kunsill Lokali Naxxar.

Kif jirriżulta mir-Regolament 3 ta' l-Avviz Legali 29 ta' l-2010 u mill-Artikolu 33(1) u (2) tal-Kap.363 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-responsabilità għall-manutenzjoni tat-toroq fiż-żmien meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeudri kienet vestita fl-Awtorità għat-Trasport f'Malta **jew** fil-Kunsill Lokali adatt, dependenti fuq il-klassifikazzjoni tat-triq partikolari, liema klassifikazzjoni tirriżulta mill-Pjan ta' Struttura. Skond ir-Raba' Skeda tal-Kap.363 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għall-proċeudri odjerni u del resto kif għadu jipprovdi llum, *it-toroq arterji u distributorji kif determinati mill-Pjan Strutturali* huma esklużi mir-responsabilità tal-Kunsilli Lokali.
Mill-provi prodotti mill-atturi u senjatament mix-xhieda tal-P.L. Jolene Pace Ciscaldi[14] in rappreżentanza ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u mid-dokumenti minnha esebiti markati Dok. "MTA" a fol. 83 sa' 85 tal-proċess, jirriżulta li Triq is-Salina, Naxxar, ma hijiex indikata bħala waħda mit-toroq arterji u distributorji ta' Malta li jaqgħu taħt ir-responsabilità ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Jirriżulta wkoll mid-dokumenti esebiti mill-atturi a fol. 90 sa' 92 tal-proċess, li l-imsemmija Triq is-Salina taqa' entro l-konfini tal-Kunsill Lokali Naxxar. Minn dan isegwi għalhekk illi fiż-żmien meta seħħ l-inċident in kwistjoni, il-manutenzjoni ta' Triq is-Salina, Naxxar, kienet taqa' taħt ir-responsabilità tal-Kunsill Lokali Naxxar.

Il-Kunsill Lokali Naxxar però jipprova jikkontradiċi u jikkuntrasta dak li jirriżulta mill-provi prodotti mill-atturi permezz tax-xhieda ta' Paul Gatt mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2014[15] u permezz ta' dak determinat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet "GasanMamo Insurance Limited et v. Kunsill Lokali Naxxar et" Rik. Nru. 249/12 deċiża fid-9 ta' Ġunju 2014 esebita a fol. 99 sa' 108 tal-proċess.

Paul Gatt, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill Lokali Naxxar fiż-żmien li kien qed jixhed, iddikjara li: *l-Kunsill Lokali huwa responsabbli għal dawk it-toroq kollha li mhumiex arterjali jew distributorji u lanqas huma constructed, jiġifieri bażikament il-maggoranza tat-toroq fil-lokalità. ... għandi dokument minn naħa tal-MEPA maħruġ fl-1999 fejn qed jispjega u jiddefinixxi toroq arterjali u distributorji kif inhuma magħmulin. Bażikament li nista' ngħid hu li toroq arterjali huma dawk li huma dual carriage way, li jkunu wiesgħa biżżejjed biex ikun hemm żewġ lanes għat-traffiku fuq kull naħa tat-triq. Toroq arterjali huma*

[14] Fol. 86 sa' 88 tal-proċess.
[15] Fol. 118 sa' 121 tal-proċess.

*dawk li jingħaqdu ma' toroq oħra li jkunu ta' grad differenti, in-network tat-toroq arterjali jintużaw minn karozzi tal-linja fuq rotot twal iżda m'għandhomx jintużaw għall-parkeġġ ta' karozzi jew biex ikun hemm aċċess għall-proprjetajiet individwali. Min-naħa l-oħra t-toroq distributorji jservu biex jagħtu aċċess għat-toroq arterjali, toroq distributorji għalhekk jintużaw primarjament għat-traffiku lokali jew distrettwali. Il-biċċa l-kbira tar-rottot tal-karozzi tal-linja jużaw it-toroq distributorji, dawn it-toroq iservu wkoll ta' aċċess għal xi proprjetajiet, normalment toroq distributorji jkollhom carriage way waħda u l-parkeġġ f'dawn it-toroq distributorji għandu jkun jemm jista' jkun ristrett, bażikament fejn għedt għat-toroq distributorji huwa identiku għall-istat li hija Triq is-Salina.* In risposta għall-mistoqsija *għandek ukoll dokument ieħor, ittra, tista' tippreżenta kopja ta' dik u tispjega ftit x'tgħid ukoll dik l-ittra?* Paul Gatt wieġeb *bażikament dak id-dokument, apparti li qed jiddefinixxi, qiegħed ngħid ukoll li m'hijiex xi ħaġa li ma tistax tinbidel, infatti permezz ta' ittra datata 11 ta' Awwissu 2004, mill-ADT, dak iż-żmien u li llum huma Transport Malta, qed tgħid hekk: "as you are aware the road works on the service roads" qed titkellem fuq it-triq ta' Birguma din "are reaching completion and following discussions with MEPA it has been agreed that the new bypass road is to be classified as a distributor road, therefore any maintenance and up keep of this new by-pass shall be in the responsibility of the Malta Transport Authority. The responsibility of maintenance and upkeep of the parallel service roads on the other hand shall remain with the local council". Bażikament din li qed tgħid huwa li dak id-dokument mhux finali imma li suppost għandu jiġi updated regolarment.* In risposta għall-mistoqsija: *issa bħala stat ta' fatt, il-maintenance fuq din it-tirq in kwistjoni, Triq is-Salina, min jagħmlu, minn min isir?* Paul Gatt iddikjara: *isir kollu minn Transport Malta, nista' ngħid li minn meta ġiet mibnija din it-triq ix-xogħol u l-upgrading dejjem sar minn Transport Malta jew dak iż-żmien l-ADT, u xogħol jinkludi kemm tiswija ta' gutters ta' l-ilma, tappieri u saħansitra wkoll anki għamlu xogħol minn naħa ta' Transport Malta mingħajr ma nfurmaw il-Kunsill, li kien jinkludi l-brix ta' triq, application ta' anti-skid, rumbled strips, saret ukoll ftit ta' żmien ilu central strip, ammont kbir ta' tabelli u marki ta' toroq u li dan kollu sar mingħajr ma ġie mitlub il-Kunsill, dawn bażikament qabdu u għamlu x-xogħol huma.*

Ix-xhieda li Paul Gatt ta waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2014 tmur kemm xejn kontra dak li kien xehed in preċedenza waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2012[16] u huwa jispjega din id-diskrepanza non che kontradizzjoni fix-xhieda tiegħu bil-mod segwenti: *prima facie jekk wieħed iħares lejn il-Liġi tal-Kunsilli Lokali dak huwa stat ta' fatt li ir-records qed juru hekk, ovvjament jien f'dak iż-żmien u f'dak il-perijodu ma kellix aċċess għal dokumentazzjoni oħra, infatti l-Kunsill kellu kawża oħra fuq l-istess triq, u wara li ħadna pariri legali nġiebu għall-attenzjoni dawk id-dokumenti u l-fatt li anke Transport Malta taġġorna dawk il-listi, u allura dak li kien japplika fl-1993 meta ġiet mgħoddija l-Liġi tal-Kunsilli Lokali suppost li kien hemm l-updates tant li fil-kawża li qed insemmu ħareġ, il-Qorti tat is-sentenza li dik it-triq mhux fir-responsabilità tal-Kunsill.*

[16] Fol. 44 u 45 tal-proċess.

Is-sentenza li jagħmel referenza għaliha Paul Gatt hija appuntu s-sentenza fl-ismijiet "GasanMamo Insurance Limited et v. Kunsill Lokali Naxxar et" Rik. Nru. 249/12 deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Ġunju 2014[17], fejn l-inċident mertu ta' dawk il-proċeduri wkoll seħħ fl-2010, senjatament fit-12 ta' Awwissu 2010, u kien jinvolvi ħsarat f'vettura li waqgħet f'toqba fonda li kien hemm fit-triq.

Fl-imsemmija sentenza ġie osservat u determinat is-segwenti: *in vista ta' l-abdikazzjoni da parte kemm tal-MEPA kif ukoll ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mid-doveri tagħhom illi jindikaw b'mod ċar u mingħajr ekwivoku u fuq bażi reċenti t-toroq arterjali u distributorji in operazzjoni f'Malta u Għawdex, il-Qorti ser ikollha tagħmel il-konstatazzjonijiet tagħha, abbazi tar-regolamentazzjoni fuq indikata* (ossia l-artikoli u regolament ġia ċitati iktar 'l fuq f'din is-sentenza) *sabiex tikkunsidra jekk Triq is-Salina għandhiex tkun indikata bħala triq arterjali jew distributorja jew jekk għandhiex titqies bħala triq taħt il-kompetenza tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi Triq is-Salina hija triq illi tgħaqqad it-triq arterjali magħrufa bħala Triq is-Salini ma' triq arterjali oħra magħrufa bħala Triq in-Naxxar. Jirriżulta mill-provi prodotti illi Triq is-Salina tidħol fid-definizzjoni ta' triq distributorja kif definita mill-MEPA fir-rapport tagħha ta' Awwissu 1999, peress illi tali triq għandha carriageway waħda, għandha parkeġġ limitat, tintuża minn rotta tal-karozza tal-linja u tgħaqqad żewġt toroq arterjali kif fuq indikat. Tali konsiderazzjoni, waħedhom huma suffiċjenti sabiex dina l-Qorti tasal għall-konklużjoni illi t-triq għandha tiġi kkunsidrata bħala triq distributorja. Madanakollu, il-konvinċiment ta' dina l-Qorti huwa msaħħaħ minn dokumentazzjoni ppreżentata mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar u mibgħuta lilhom mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta tul is-snin wara illi t-triq reġgħet inbniet mill-ġdid, liema dokumentazzjoni turi bl-aktar mod ċar illi anke l-Awtorità stess tqis tali triq bħala waħda distributorja! Jirriżulta, di fatti, illi permezz ta' email datata 30 ta' Ottubru 2012 mibgħuta mic-CEO ta' dak iż-żmien ta' l-Awtorità Dr. Stanley Portelli lill-Kummissarju tal-Pulizija u s-Sindku tal-Kunsill Lokali Naxxar, huma ġew mgħarrfa illi l-Awtorità kienet qiegħda tinvesti ħafna f'toroq ġodda u fosthom reġgħet għamlet 're-surfacing' tat-triq magħrufa bħala t-Telgħa ta' Alla w Ommu, u stiednet lill-mittenti sabiex jassikuraw li vetturi bil-concrete ma jerġgħux jagħmlu ħsara lit-triq. Għalkemm dina l-ittra, minnha nnifisha, turi bl-aktar mod ċar illi l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kienet qed tassumi responsabbiltà tal-manutenzjoni tat-triq illi tifforma parti minn Triq is-Salina, jirriżulta li s-sitwazzjoni kienet ġia ċara daqs il-kristall fil-11 ta' Awwissu 2004, meta d-deputy CEO ta' l-Awtorità, David Sutton, kien kiteb lis-Sindku tan-Naxxar dwar "Il-By-Pass tas-Salina - Birguma" u qal is-segwenti fatti illi jenħtieġ illi jiġu riprodotti sabiex ikunu a korrent ta' kulħadd, inkluż l-istess Awtorità illi llum qiegħda tinnega r-responsabbiltà tat-triq is-Salina. Id-deputy CEO ta' l-Awtorità intimata, kiteb dan li ġej: "As you are aware the road works on the service roads are reaching completion and following discussions with MEPA it has been agreed that the new bypass road is to be classified as a distributor road, therefore any maintenance and up keep of this new by-pass shall be in the responsibility of the Malta Transport Authority. The*

[17] Fol. 99 sa' 108 tal-proċess.

*responsibility of maintenance and upkeep of the parallel service roads on the other hand shall remain with the local council." Tali ittra, li titkellem dwar 'il-By-Pass tas-Salina-Birguma" tagħmilha bl-aktar mod ċar illi t-triq kollha tas-Salina nkluż il-parti ġo ta' Birguma, għandha tkun responsabbiltà ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, peress illi għandha titqies bħala triq distributorja. In vista' ta' tali ittra, l-Qorti ma tistax tifhem kif l-Awtorità tista' tikkontendi li tali triq ma hijiex waħda li taqa' taħt il-kompetenza tagħhom meta kienu huma stess li stqarrew dan meta tlestiet it-triq! Għalhekk, joħroġ ċar illi r-responsabbiltà tal-manutenzjoni tat-Triq is-Salina għandha tkun unikament ta' l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, kif del resto dejjem ġara, u għalhekk huma għandhom jirrispondu għal xi nuqqas f'każ illi xi ħadd isofri xi ħsarat riżultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni.*

Wara li qieset sew dak affermat minn Paul Gatt fix-xhieda tiegħu, il-Qorti tqis li dak minnu affermat ma jistax jikkuntrasta u jikkontradiċi b'mod sodisfaċenti dak li rriżulta mill-provi prodotti mill-atturi dwar il-klassifikazzjoni - li ġġib magħha r-responsabilità relattiva għall-manutenzjoni - ta' Triq is-Salina, Naxxar.

Jibda biex jiġi osservat li għalkemm il-MEPA f'dokument maħruġ fl-1999 tat tifsira u definizzjoni ta' toroq arterji u toroq distributorji, il-**klassifika formali** setgħet u tista' ssir biss fil-Pjan Strutturali. Dan ifisser għalhekk li ħadd, wisq inqas Kunsill Lokali li ai termini tal-provvedimenti tal-Kap.363 tal-Liġijiet ta' Malta huwa obbligat li josserva dak provdut, stipulat u indikat fil-Pjan Strutturali, ma jista' jagħti klassifikazzjoni partikolari lil triq meta din il-klassifikazzjoni ma tkunx ġiet determinata u b'hekk rispekkjata fil-Pjan Strutturali - kif kien appuntu l-każ għal Triq is-Salina, Naxxar. Għalkemm Paul Gatt jipprova jsaħħaħ l-argument tiegħu li l-manutenzjoni ta' Triq is-Salini ma taqax taħt ir-responsabilità tal-Kunsill Lokali Naxxar a bażi tal-kontenut ta' l-ittra ta' l-ADT datata 11 ta' Awwissu 2004, in verità dik l-ittra ftit li xejn tista' tkun ta' għajnuna għall-Kunsill in kwantu tirreferi b'mod ċar għall-By-Pass ta' Birguma u Triq is-Salina, Naxxar, ċertament ma hijiex by-pass u għalhekk dak hemm dikjarat ma jistax jitqies li b'xi mod huwa intiż li jolqot u jinkludi l-imsemmija Triq is-Salina, Naxxar. Għalkemm ukoll Paul Gatt iddikjara li x-xogħol u l-*up-grading* fuq din it-triq partikolari, inkluż tiswija ta' gutters, dejjem sar mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, stranament il-Kunsill Lokali Naxxar ma ħarrikx rappreżentant ta' l-Awtorità għall-konferma ta' dak affermat minn Paul Gatt iżda straħ biss fuq il-kontenut ta' l-ittra datata 11 ta' Awwissu 2004, li kif ġià osservat ftit li xejn għandha rilevanza fil-każ in eżami, u fuq e-mail datata 29 ta' Ottubru 2012, ossia żmien ferm wara li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u li fi kwalunkwe każ tixhed responsabilità fuq il-Kunsill Lokali għall-preservazzjoni tat-triq. Apparte dan kollu, fi kwalunkwe każ, *dato ma non concesso* li tali xogħlijiet saru mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew l-ADT qabilha, xorta waħda l-Kunsill Lokali Naxxar ma jistax jaħrab mir-responsabilità tiegħu għall-manutenzjoni tat-triq li ma jirriżultax li hija klassifikata bħala arterjali jew distributorja fuq il-Pjan Strutturali.

Fil-fehma tal-Qorti lanqas is-sentenza fl-imsijiet "GasanMamo Insurance Limited et v. Kunsill Lokali Naxxar et" Rik. Nru. 249/12 deċiża minn din il-Qorti diversament

presjeduta fid-9 ta' Ġunju 2014[18], ma tista' titqies li tikkontradiċi u tikkuntrasta b'mod sodisfaċenti dak li jirriżulta mill-provi prodotti mill-atturi fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' Triq is-Salina, Naxxar, u b'hekk fir-rigward tar-responsabiltà għall-manutenzjoni ta' l-imsemmija Triq u dana billi b'sentenza pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Frar 2016, dak determinat mill-Qorti ta' Prim' Istanza dwar il-klassifikazzjoni ta' Triq is-Salina, Naxxar, ġie kompletament kapovolt.

In effetti fir-rigward fis-sentenza Tagħha l-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) osservat illi: *fil-fehma ta' din il-Qorti m'huwiex il-kompitu tal-qrati jikklasifikaw it-toroq. Il-Qorti tosserva li: (i) l-Awtorità llum appellanti, permezz tar-rappreżentant tagħha Nicholas Baldacchino, tikkontendi li Triq is-Salina m'hijiex triq arterjali għax tgħaddi mill-kampanja u eventwalment tispiċċa tiżbokka ġo Triq is-Salini. Id-dokumenti preżentati minn dan ix-xhud, partikolarment il-mappa mmarkata NB2 (maħruġa mill-MEPA) turi li t-toroq arterjali u distributorji tan-Naxxar huma biss tnejn: Triq is-Salini u Triq il-Mosta. Dan fil-fehma ta' l-awtorità appellanti juri għalhekk li "Triq is-Salina m'hijiex triq arterjali prinċipali w allura bħala riżultat il-manutenzjoni tagħha ma taqax taħt l-awtorità iżda taqa' taħt il-Kunsill li fiha tali triq tinsab" ċioè dak tan-Naxxar. (ii) Huwa minnu li in kontro-eżami l-istess rappreżentant ta' l-awtorità appellanti rrikonoxxa li "jista' jkun illi bi żvilupp inbnew jew ġew żviluppati ċerti toroq arterjali u distributorji, iżda aħna marbutin b'dawn il-pjanti li esebejt kopja tagħhom bħala Dokument NB1". (iii) Minn naħa l-oħra l-Kunsill Lokali tan-Naxxar, permezz tas-Segretarju Eżekuttiv tiegħu Paul Gatt, jgħid li għalkemm "skond l-atti tal-Kunsilli Lokali din it-triq m'hijiex la waħda arterjali u la waħda distributorja iżda minn mindu saret rinovazzjoni totali ta' din it-triq, il-Kunsill Lokali tan-Naxxar qatt ma kien involut f'ebda spejjeż f'din it-triq u kien dejjem jew l-ADT jew Transport Malta illi kienu jagħmlu x-xogħlijiet f'din it-triq". Is-senjaletika tat-triq saret ukoll mill-ADT u l-Kunsill qatt ma ġie konsultat. Il-Kunsill jistrieħ fuq il-kontenut ta' korrispondenza li għaddiet bejn l-awtorità appellanti u l-Kunsill. Magħmulin dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti tqis li: (i) il-klassifikazzjoni eżistenti tat-toroq arterji u distributorji fil-perijodu ta' l-inċident in kwistjoni* - ossia fl-2010 - *jappartjeni lill-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar kif jirriżulta mill-Pjan ta' Struttura għall-Gżejjer Maltin ta' l-1992. L-aħħar dokument pubblikat bil-pjanti skond il-lokalità huwa f'Awwissu 1999. (ii) Anke jekk ma ttieħdux passi biex din il-klassifikazzjoni tiġi aġġornata minn żmien għal żmien fid-dawl ta' l-iżviluppi maġġuri li seħħew fit-toroq Maltin mis-snin disgħin 'l hawn, dan l-eżerċizzju m'huwiex ta' kompetenza tal-qrati. L-Ewwel Qorti għalhekk ma kellhiex tiddetermina x'tip ta' triq hi Triq is-Salina n-Naxxar. Ladarba l-mappa uffiċjali tal-konfini tan-Naxxar maħruġa mill-MEPA a fol. 119 għadha sa' llum turi biss Triq is-Salini bħala triq arterjali u Triq il-Mosta bħala triq distributorja, l-awtorità appellanti għandha raġun targumenta li Triq is-Salina la tista' titqies triq arterjali u lanqas distributorja; (iii) Is-segretarju tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar stess ikkonferma li Triq is-Salina m'hijiex triq distributorja jew arterjali. Il-Kunsill ma jistax jiġi eżonerat mill-obbligi ta' manutenzjoni ġialadarba skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali hu responsabbli għal*

[18] Fol. 99 sa' 108 tal-proċess.

*manutenzjoni tat-toroq u eżonerat biss mit-toroq arterji u "stabbiliti" mill-Pjan Lokali. Il-fatt li l-Kunsill qal li qatt ma wettaq manutenzjoni tat-triq ma jeżonerahx ġialadarba jidher li t-triq għadha sa' llum ma ġietx iklassifikata bħala triq distributorja jew arterjali; (iv) Min-naħa l-oħra rriżulta ukoll mill-provi li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta matul is-snin intervjeniet ukoll fuq il-mantenzjoni u riparazzjonijiet ta' Triq is-Salina. Is-senjaletika fit-triq in kwistjoni wkoll ħadu ħsiebha l-awtorità appellanti. Għalhekk ladarba l-awtorità stess assumiet responsabiltajiet fuq din it-triq, għandha wkoll responsabbiltà; (v) l-email tad-29 ta' Ottubru 2012 tindika li kienet l-awtorità illum appellanti li għamlet resurfacing tat-Telgħa ta' Alla w Ommu (li tifforma parti minn Triq is-Salina) iżda din l-ittra tgħabbi ukoll lill-Kunsill Lokali appellat (flimkien mal-Pulizija) bir-responsabiltà konġunta tal-ħarsien u l-prevenzjoni tal-manutenzjoni li saret f'din it-triq; (vi) l-ittra tal-11 ta' Awwissu 2004 però ma hija ta' ebda komfort għall-Kunsill appellat. Għalkemm it-titolu ta' l-ittra huwa "RE: Il-Bypass tas-Salina - Birguma" is-sustanza ta' dik l-ittra ma tistax tiġi interpretata bħala applikabbli u riferibbli għal Triq is-Salina. Huwa ċar li l-klassifikazzjoni ta' "Distributor Road" hija ntiza għall-by-pass road il-ġdida li fiha saru xi xogħlijiet fuq is-service road. Triq is-Salina la kienet ġdida fl-2004 u lanqas fiha service roads. Għandha raġun għalhekk l-awtorità appellanti targumenta li din l-ittra kienet qegħda tagħmel referenza għall-bypass ġdida li llum hija magħrufa bħala Birguma Bypass.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-unika prova konvinċenti u konklusiva dwar il-klassifikazzjoni ta' Triq is-Salina, Naxxar, u dwar il-konsegwenti responsabilità għall-manutenzjoni ta' dik it-triq, huma l-provi prodotti mill-atturi li kjarament juru li fiż-żmien meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, Triq is-Salina, Naxxar, la kienet iklassifikata bħala triq arterjali jew distributorja u peress illi kienet taqa' entro l-konfini tal-lokalità tan-Naxxar, ir-responsabilità għall-manutenzjoni tat-triq kienet tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li għalkemm mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) hawn appena ċitata jirriżulta li dik il-Qorti sabet li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kienet in parte responsabbli għall-ħsara kawżata fl-inċident mertu ta' dawk il-proċeduri għaliex bix-xogħlijiet esegwiti fiha kienet assumiet parti mir-responsabilità għall-manutenzjoni ta' dik it-triq u għalkemm f'dawn il-proċeduri l-Kunsill Lokali Naxxar kjarament jikkontendi li l-Awtorità hija responsabbli, din il-Qorti ma tista' ssib u ma tista' taddebita l-ebda responsabilità fuq l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għar-raġuni li l-Awtorità ma hijiex parti f'dawn il-proċeduri. Fir-rigward issir referenza għall-prinċipju ġuridiku li *l-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda ħtija fuq terz meta jonqos li jsejjaħ lil tali persuna fil-kawża. Id-difiża tat-terż injot* (għalkemm fil-każ in eżami l-identità tat-terz hija ben magħrufa) *mhix sostenibbli għaliex il-kawża hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tiġi addebitata lil xi ħadd li ma hux fil-kawża*[19].

Fil-mertu l-Kunsill Lokali Naxxar illimita ruħu billi jeċċepixxi li t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda in kwantu infondata fil-fatt u fid-dritt. Kif ġià iktar 'l fuq osservat però il-Kunsill Lokali Naxxar bl-ebda mod ma kkontesta jew ikkontradixxa

---

[19] Anthony Fenech noe v. Paul Gauci, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-21 ta' Frar 1994.

d-dinamika ta' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Lanqas ma kkontesta b'mod dirett il-*quantum* tad-danni pretiżi mill-atturi, senjatament mis-soċjetà attriċi li ħallset lill-attur Anthony sive Tonio Schembri s-somma ta' €6,500 bħala kumpens għall-ħsarat kawżati fil-vettura tiegħu b'konsegwenza ta' l-inċident in kwistjoni.

Fir-rigward ta' tali ħlas Anthony sive Tonio Schembri[20] xehed illi: *għamilt claim u ħallast excess ta' xi mingħalija 82 euros. Wara li assessjaw kollu dak li ġara, nqatgħet illi kelli ovvjament raġun għax jiena kont miexi għall-affarijiet tiegħi fit-triq u tawni is-somma ta' 6,500 bħala kumpens. Karozza total loss jiġifieri dak li ħadt jiena mill-ħamest elef lira Maltin din kienet ġietni. Kull ma ħadt 6,500. Minn ħamest elef Maltin karozza. Minħabba din it-triq, minħabba din il-biċċa.* Tony Mizzi[21], Surveyor għàas-soċjetà attriċi ddikjara li: *mela aħna bħala insurance nagħmlu l-lista tal-parts li karozza jkollha bżonn biex jinbidlu. Il-labour, l-ispray, mechanical u loss of use li jkun hemm bżonn biex il-karozza tissewwa. We add everything up u naraw is-somma konkluża li toħroġ. Aħna rajna li din il-karozza biex titranġa fiha wisq spejjeż u fil-verità ħriġna settlement in favour of the client ta' 6,500 euros.* Mario Mifsud[22], rappreżentant tas-soċjetà attriċi, iddikjara: *peress li* [il-vettura] *kienet beyond economical repair, is-surveryor qalilna biex noffrulu €6,500 u jżomm ir-wreck, kif fil-fatt sar. ... Hija kienet inxurjata fuq €9,000 u allura huwa ddikjara €6,500 cash u r-wreck value ġie stmat €2,500, li flimkien jammontaw għal €9,000.* Apparte minn hekk Mario Mifsud esebixxa wkoll serie ta' dokumenti[23] li juru l-ħsarat fil-vettura u l-valur biex tali ħsarat jissewwew, dikjarazzjoni li l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBP-347 kienet qed titqies bħala *beyond economical repair* u l-konsegwenti awtorizzazzjoni għall-ħlas tas-somma ta' €6,500 lill-assigurat Anthony sive Tonio Schembri, filwaqt li l-istess Schembri jżomm ir-*wreck* stmat fil-valur ta' €2,500, il-ħlas effettiv magħmul lil Anthony sive Tonio Schembri u s-Settlement and Discharge form li tikkonferma li l-ammont imħallas mis-soċjetà attriċi lill-imsemmi Anthony sive Tonio Schembri kien ta' €6,500.

Apparte l-fatt li l-entità tal-ħsarat kawżati fil-vettura ta' Schembri u l-konsegwenti valur tar-riparazzjonijiet u l-*quantum* tad-danni mħallsa mis-soċjetà attriċi lill-assigurat tagħha ma ġewx kontestati jew sodisfaċentement kuntrastati mill-Kunsill Lokali Naxxar, il-Qorti ma tqisx li għandha tiddubita mill-konstatazzjonijiet tas-soċjetà attriċi u mill-konsegwenti ħlas minnha magħmul lill-assigurat tagħha u dana billi huwa prinċipju assodat illi *m'għandux jiġi preżunt illi s-soċjetà assiguratiċi tħallas leġġerment danni reklamati minnha u l-Qorti tifhem li tkun għamlet dan wara d-debita verifika*[24].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li l-Kunsill Lokali Naxxar għandu jiġi ritenut responsabbli għall-ħsarat u konsegwenti danni subiti mill-atturi u b'hekk għandu jiġi tenut responsabbli għall-ħlas tas-somma ta' €6,500 li s-soċjetà attriċi ħallset lill-assigurat tagħha bħala kumpens għall-ħsarat kawżati fil-vettura tiegħu

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2013, fol. 67 sa' 70 tal-proċess.
[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2013, fol. 71 sa' 73 tal-proċess.
[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2012, fol. 63 sa' 65 tal-proċess.
[23] Fol. 53 sa' 62 tal-proċess.
[24] Joseph Felice Pace noe v. Godwin Abela noe, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru 1999; Reginald Micallef et noe v. Godwin Abela et noe, Ċitaz. Nru. 1048/86 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar 2003.

bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBP-347 in segwitu għall-inċident li seħħ fid-19 ta' Ottubru 2010 fi Triq is-Salina, Naxxar.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma u filwaqt li tiddikjara li l-imsemmija Korporazzjoni ma hijiex leġittimu kontradittur ta' l-atturi f'dawn il-proċeduri, tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;
2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha sollevati mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma;
3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-kjamat in kawża Kunsill Lokali Naxxar;
4. Tilqa' t-talba attriċi u filwaqt li tiddikjara li l-kjamat in kawża Kunsill Lokali Naxxar huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fid-19 ta' Ottubru 2010 fi Triq is-Salina, Naxxar, b'konsegwenza ta' liema l-vettura ta' l-attur Anthony sive Tonio Schembri bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBP-347 ġarrbet ħsarat tant estensivi li ġiet dikjarata *beyond economical repair* u b'hekk huwa responsabbli għad-danni subiti mill-atturi;
5. Tikkundanna lill-kjamat in kawża Kunsill Lokali Naxxar iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €6,500, bl-imgħax legali dekoribbli mill-21 ta' Marzu 2012, id-data tan-notifika tar-Rikors promotur lill-kjamat in kawża, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, ħlief għal dawk relattivi għall-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, għandhom jiġu sopportati mill-kjamat in kawza Kunsill Lokali Naxxar, filwaqt li l-ispejjeż relattivi għall-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma għandhom jiġu sopportati mill-atturi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**